MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru 1252/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**VS**

**TARCISIO GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Tarcisio Grech, bin Giuseppe u Josephine nee' Farrugia, imwieled nhar l-14 ta' Marzu, 1952, residenti fil-fond numru 12, l-Gharix, Triq il-Kutnent, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' numru 236352(M);

Akkuzat talli nhar is-16 ta' Lulju, 2006, ghall-habta ta' 10.30am, ikkaguna griehi ta' natura hafifa maghmula b'likwidu jahraq fuq il-persuna ta' martu Josephine Grech,

skond kif iccertifika Dr J Cassar Gheitim mill-Isptar San Luqa.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikolu 217 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Peress li l-parte civile, u cioe' Josephine Grech iddikkjarat li l-incident mertu ta' din il-kawza kien sar b'mod accidentali u llum qed tirtira l-kwerela.

Wara li rat id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 543 u 545 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li l-Qorti accertat ruhha li l-parte civile ma giet bl-ebda mod sfurzata biex tiddikkjara li qed tirrinunzja ghall-azzjoni kontra l-imputat.

Ghaldaqstant, fuq talba tal-istess parte civile, il-Qorti tiddikkjara procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------